MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**PHILIP MANDUCA**

Seduta tad-29 ta' Novembru, 2004

Talba Numru. 148/2004

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**John Pace u Maria Theresa Pace**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenuti ghall-hlas ta' Lm604.77c (sitt mija w erba' liri Maltin u sebgha u sebghin centezmu) rapprezentanti servizz telefoniku li jgib in-numru 21807317 (CN350490) liema servizz gie nstallat fil-fond bin-numru ufficjali Flt./5, Blk G, Ent. D, Gov. Housing Estate tal-Hawli, Birgu skond diversi kontijiet mibghuta lilhom.

Illi l-konvenuti gew interpellati diversi drabi sabiex jghaddu ghall-hlas izda baqghu nadempjenti u ghalhekk kellha ssir din il-kawza.

Bl-ispejjez, u bl-imghaxijiet legali.

Ra li l-konvenuti baqghu ma pprezentawx Risposta ghalkemm debitament notifikati;

Sema' lil Dr Ingrid Zammit Young tikkonferma bil-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa' t-talba attrici bl-ispejjez u bl-interessi skond il-ligi.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------